

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2019 — CE vs Il-Kumitat tar-Reġjuni****(Kawża T-355/19)**

(2019/C 255/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* CE (rappreżentant: M. Casado García-Hirschfeld, avukat)*Konvenut:* Il-Kumitat tar-Reġjuni**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla d-Deċiżjoni tas-16 ta' April 2019 u sussidjarjament, tannulla d-Deċiżjoni tas-16 ta' Mejju 2019;
- tordna l-kumpens għad-dannu materjali li jammonta għas-somma ta' EUR 19 200 (mingħajr VAT) u l-kumpens għad-dannu morali, smat għas-somma ta' EUR 83 208,24.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' proċedura u ksur tal-Artikoli 47 u 49 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra u tal-Artikoli 23 u 24 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.
  2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa u fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-projbizzjoni ta' kull tip ta' fastidju psikoloġiku.
  3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-ineżattezza sostanzjali u fuq l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni.
-